# Il-Qawmien tal-Maltin kontra l-Franċiżi - (1798 - 1800)

*- kitba tas-Sur Joe Giorgio -*
*Ħal Qormi*

Din is-sena qegħdin infakkru l-200 sena mill-wasla f'Malta tal-Franċiżi. Din hi ġrajja ta' patrijottiżmu kbir. Ikun għajb għalina jekk inħalluha għaddejja qisu ma ġara xejn. Il-Kunsilli Lokali ta' dawk il-postijiet li kienu storikament involuti dak inhar, għandhom ifakkru lil nieshom li taw sehemhom f'din il-ġrajja. Nixtieq infakkar din il-ġrajja u sehem Sta. Venera, bħala lokal li fih ukoll seħħew xi ġrajjiet importanti fl-istorja ta' pajjiżna. Ħafna ġie miktub fuq dan l-episodju mill-istorja ta' Malta. Ħafna minn dak li ġie miktub huwa diffiċli biex tifirdu minn dak li hu leġġenda jew verita' storika. Tneħħi xi ftit dokumenti 'l hawn u 'l hinn fil-Bibljoteka Nazzjonali u mkejjen oħra, għal ħafna żmien, l-istorja ta' dawk is-sentejn - żmien ta' tixwix, taqlib u taqbid, inżammet ħajja fostna permezz ta' (a) tifkiriet ta' min kiteb u x'għadda minn għalih u (b) minn għajdut. Pero kollha jixhdu l-qlubija ta' missirijietna.

Meta seħħet ir-rewwixta kontra l-Franċiżi, partikolarment fir-Rabat u l-Imdina fit-2 ta' Settembru 1798, il-Franċiżi kienu ilhom jaħkmu fuq Malta mix-xahar ta' Ġunju ta' l-istess sena. Ir-rewwixta seħħet prinċipalment minħabba l-ordnijiet li kien ta Napuljun Bonaparti f'Malta, li ma setgħu qatt jiġu mwettqa b'suċċess, meta speċjalment intmessew knejjes li jeħilsu lil Malta mill-għadu Franċiż, li kellu jċedi l-armi daqs sentejn wara fl-1800. Din il-ġrajja xejn ma kienet pjaċevoli, tant li niċċa li fiha hemm xbiha ta' l-Appostlu Missierna San Pawl, fuq is-Saqqajja r-Rabat, Malta, fi żmien il-ħakma Franċiża (1798 - 1800) ġie rrapurtat li minn għajnejn din l-istess xbiha f'diversi okkażjonijiet ħareġ dmugħ naturali. Dan il-miraklu jurina d-dulur ta' San Pawl, bħala missier tassew tagħna l-Maltin. Napuljun Bonaparti rebaħ Malta b'żewġ mezzi prinċipali: bil-forza militari u bl-ispiji sigrieti li kellu f'Malta.

> *" Nixtieq infakkar din il-ġrajja u sehem Sta. Venera, bħala lokal li fih ukoll seħħew xi ġrajjiet importanti fl-istorja ta' pajjiżna."*

Napuljun invada Malta fid-9 ta' Ġunju 1798, bla ma sab reżistenza ta' xejn, anzi sab is-sodda mifruxa. Malta kella numru kbir ta' ġakbini jew spija li xtaqu gvern ġdid, gvern bħal dak ta' Franza, b'ideat ġodda, għax

***ikompli f'paġna 63***

*minn paġna 61*

sa mill-1530 sal-1798, il-Maltin kienu taħt il-ħakma tal-Gran Mastri. Għalhekk xtaqu bidla. Aktar minn hekk, bosta kbarat riedu jaqgħu taħt il-bandiera ta' Franza biex mingħalihom ikabbru n-negozju tagħhom, jew għax kellhom xi nteressi oħra. Għandna naħsbu li ħafna Maltin. l-ewwel tħabbew mal-Franċiżi u mbagħad saru kontra tagħhom. Napuljun stess niżel Malta fit-12 ta' Ġunju 1798, u mar joqgħod għal ġimgħa f'Palazzo Parisio, il-Belt, qrib il-Berġa ta' Kastilja, faċċata ta' fejn hemm il-Posta illum. Minn hemmhekk beda joħroġ xmara ta' ordnijiet, biex minn għalih ibiddel il-ħajja tal-Maltin mill-istrutturi tagħha kollha.

Ir-rewwixta bdiet meta l-Ġeneral tal-Franċiżi f'Malta Vaubois, iddeċieda li għandu jbiegħ it-tapezzerija tal-Madonna tal-Karmnu fl-Imdina. Għalkemm il-Ġeneral Vaubois ġa kien iwissi minn Masson, il-kmandant Franċiż tar-Rabat u l-Imdina, li ma kienx għadu l-waqt li ssir ħaġa bħal din, għalmenu għalissa, għax Masson kien xamm li se jiġri xi ħaġa, Vaubois baqa' jwebbes rasu u ma semax minn Masson, għax milli kien jidher in-nies ta' l-Imdina kienu ġa ndunaw x'se jiġri. Vaubois ma setax jifhem kif meta Napuljun kien ħalla f'Malta saħħa ta' ħames kumpaniji ta' l-artillerija, u tlett elef raġel, dawn setgħu jibżgħu, anki jekk il-Maltin jaħbtu għalihom bl-imgħażaq u għodda oħra tal-biedja. Masson kien imħasseb serjament, għax kien basar li l-Maltin iqumu kollha, u kellu għax iħokk rasu tassew.

Dak inhar tat-2 ta' Settembru, ir-Rabtin u ta' l-Imdina, u bosta raħlin minn irħula oħra, bdew jinġabru fuq is-Saqqajja jistennew lid-deputati Franċiżi jitilgħu l-Imdina biex ibiegħu t-tapezzerija bl-irkant. Dawn baqgħu deħlin l-Imdina, daħlu fil-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu, u ħarġu t-tapezzerija barra biex tinbiegħ bl-irkant. Il-Maltin saru ħuġġieġa nar, u ħabtu fuq l-irkantaturi bħal iljuni feroċi, b'xita ta' daqqiet ta' ponnijiet fuq ġisimhom kollu. Dawn marru jiġru jistkennu f'dar ta' ħabib tagħhom. Wieħed tifel tela' fuq il-kampnar u beda jagħti l-allarm bid-daqq tal-qniepen. Ir-raħlin u ta' l-irħula xegħlu f'daqqa u qamu. L-ispirtu tat-taqbida ħeġġeġ f'kulħadd u Masson xaqq l-għaraq għalih. F'qalbu seħet lill-Ġeneral Vaubois li qies daqshekk żmerċ il-ħila tal-Maltin. F'waħda mit-toroq ta' l-Imdina, Masson ried juri x'jaf mal-poplu rrabjat. Il-poplu beda jsaffarlu u ħebb għalih. Il-kmandant Franċiż beża' u daħal f'dar biex jistkenn. Daħlu jiġru warajh u xeħtuh mill-gallarija għal isfel u ltaqa' mad-destin tiegħu f'Malta. Il-vittmi

***ikompli f'paġna 65***

*minn paġna 63*

kellhom ikunu ħafna, imma r-rebħa kellha tkun akbar.

F'Ħaż-Żebbuġ, kien joqgħod il-Kanonku Franġisku Saverju Caruana, wieħed mill-membri tal-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż. Dawn kienu ġew magħżula suppost, għax kienu favur ir-Repubblika Franċiża, jew għax kellhom ideat simili. Imma malli bdew ħerġin ordnijiet waħda agħar mill-oħra, il-Kanonku Caruana mill-ewwel tlewwem ma' l-awtoritajiet Franċiżi, u ma baqax imur għal laqgħat tal-Kummissjoni tal-Gvern Franċiż. Dan ingħalaq ġewwa daru f'Ħaż-Żebbuġ, u sar għadu tal-Franċiżi. Il-Kanonku Saverju Caruana kien magħruf sewwa fil-qasam tal-kummerċ ta' Malta, għax il-familja tiegħu kienet tinnegozja fil-qoton, prodott agrikolu importanti dak iż-żmien. Kieku Napuljun Bonaparti basar kemm kien se jaqlagħlu nkwiet f'qasir żmien, żgur li kien jixkubettjah. Il-Kanonku Caruana twieled f'Ħaż-Żebbuġ fis-7 ta' Lulju 1759, laħaq Kanonku tal-Kattidral fl-1796, u aktar tard Isqof ta' Malta fl-1831. Miet ta' 89 sena fis-17 ta' Novembru 1847.

*"..... dawn minn rajhom waqqfu l-Kwartier Ġenerali f'Dar Iljuni f'Sta. Venera ukoll .... "*

Mill-għada tar-rewwixta, fit-3 ta' Settembru, il-Maltin għażlu żewġ Kmandanti, u ffurmaw l-Assemblea Nazzjonali, speċi ta' Gvern. Twaqqfu gruppi ta' suldati imsejħin *Battaljuni* f'kull raħal taħt il-kmand ta' fizzjali magħżula minnhom stess. Iż-żewġ Kmandanti kienu Emmanuele Vitale fl-Imdina u r-Rabat, u l-ieħor kien il-Kanonku Caruana fil-Kamp ta' San Ġużepp, f'Santa Venera. Jekk Caruana sarx Kmandant l-għada jew iżjed tard ma nafux. Vitale kiteb ittra lil Caruana u għarfu li kienu għażluh Ġeneral tal-Milizja Maltija (lil Vitale). Imma huwa kien iħoss (Vitale) li iżjed kien jixraq li jkun fil-Kmand Caruana, sew minħabba esperjenza, tattika u moħħ tajjeb u għamillu appell (lil Caruana) li kif għedna kien maqful ġewwa daru f'Ħaż-Żebbuġ biex jiġi u jgħin din il-gżira maħbuba tagħna, f'dan il-mument diffiċli u serju. Kompla jgħidlu li bħala ministru t'Alla inti tagħti ħajja ġdida u tqawwi l-qalb tal-kampanjoli tagħna. Din l-ittra ta' Vitale messitlu qalbu lil Saverju Caruana għax dan aċċetta minnufih li jmexxi l-ħutu Maltin. Iż-Żebbuġin u xi Żrieraq, kienu issoponew li sata' jingħażel Vitale minn qabel, u għalhekk għal-laqgħa ta' l-Assemblea Nazzjonali huma ma kenux marru, għax riedu lil ħaddieħor, riedu lil Kanonku

***ikompli f'paġna 67***

*minn paġna 65*

Franġisku Saverju Caruana. Meta saru jafu bl-ittra ta' Vitale u bl-aċċettazzjoni wkoll ta' Caruana, dawn minn rajhom waqqfu l-Kwartier Ġenerali f'"Dar Iljuni", f'Sta. Venera ukoll u barra l-Kanonku Caruana għażlu lil Anġlu Cilia, Salvu Bonanno u Ġużeppi Brignone li kellhom id-dmir li jmexxu l-Battaljuni u jgħassu lejl u nhar, ħalli l-Franċiżi ma jaqsmux mill-Belt għall-Imdina.

Mela, f'Sta. Venera kien hawn il-kamp ta' San Ġużepp u ftit 'il bogħod il-Kwartier Ġenerali minn fejn tmexxa l-Imblokk ta' kontra l-Franċiżi. Fiex kien jikkonsisti l-kamp ta' San Ġużepp, fi żmien il-ħakma tal-Franċiżi? U minn fejn ħa dan l-isem? L-isem ħadu mill-istess Kappella żgħira ddedikata lil San Ġużepp mibnija bejn is-snin 1617 - 1625 mill-Kavallier Eugenio Maldonato. Jingħad ukoll li anke din il-Kappella ta' San Ġużepp ġiet ipprofonata mill-Franċiżi, meta dawn għamluha ħanut. Din il-Kappella llum m'għadhiex teżisti. Kienet ħdejn il-Knisja ta' San Ġużepp li hemm illum, sewwa sew f'tarf l-isqaq. Din il-Kappella kienet il-bidu li tat isimha lit-triq ewlenija, Triq San Ġużepp li hemm illum. Fi żmien l-Imblokk tal-Franċiżi, din Triq San Ġużepp kienet isserrep qalb l-għelieqi. Kienet tibda minn fejn illum hemm il-Bieb tal-Bombi mibni mill-Gran Mastru Perellos u tispiċċa fejn darba kien hemm il-Bieb tal-Fleur-de-Lys jew l-Ark ta' Wignacourt. Dan l-Ark kien iġġarraf fit-Tieni Gwerra Dinjija fl-1943. Dik li aħna nsejħulha triq ma kenitx ħlief naqra ta' mogħdija wiesgħa biżżejjed biex minnha jgħaddu żewġ kalessi. Nies ftit li xejn kont tara. Barra minn hekk, il-ħitan tas-sejjieħ minn quddiem il-Kamp ta' San Ġużepp sal-Bieb tal-Bombi kienu tneħħew biex ifixklu l-Franċiżi u ma jkollhomx fejn jinħbew. Il-Kamp ta' San Ġużepp għadu jeżisti sal-lum. Jikkonsisti f'bini kbir ta' żewġ sulari iħares lejn il-Punent, mibni f'kantuniera li tagħti fi Triq San Ġużepp, Sta. Venera. Fis-sular t'isfel hemm stalel taż-żwiemel u kmamar li kienu jintużaw bħala mħażen u kċejjen. Fis-sular ta' fuq insibu żewġ swali kbar u għadd ta' kmamar oħra. Minn fuq barra mad-daqqa t'għajn jurik li huwa biċċa bini tassew antik. Mad-dawra kollha tal-

*"Il-Kamp ta' San Ġużepp għadu jeżisti sal-lum. Jikkonsisti f'bini kbir ta' żewġ sulari iħares lejn il-Punent, mibni f'kantuniera li tagħti fi Triq San Ġużepp, f'Sta. Venera".*

***ikompli f'paġna 69***

*minn paġna 67*

bini hemm gallarija tal-ġebel bil-balavostri. Fil-bini nsibu ukoll garigor li jwasslek għal speċi ta' Turretta żgħira tonda, jew koppla żgħira, jew gardjola għal fuq il-bejt. Minn hawn fuq imbagħad tara veduta kbira ta' parti minn Malta.

Faċċata ta' l-Akwadott, hemm *Dar Iljuni*. Din id-dar ta' stil barokk bi ġnien kbir fuq in-naħa ta' wara, b'dak il-Portico mportanti, bir-remissa li għandha, serviet bħala Kwartier Ġenerali tal-Maltin fi-żmien l-Imblokk, meta l-Franċiżi ngħalqu ġewwa l-Belt. Kienu jsibuha *Dar Iljuni*, għall-erba' iljuni kbar skolpiti fil-ġebel, qed iżommu l-armi ta' Manwel De Vilhena. Meta nbniet fl-1730, kienet tassew dar tal-kampanja, fejn il-Gran Mastru De Vilhena, seta' jmur f'xi ħin jogħġbu jqatta' ftit tal-mistrieħ, u fl-istess ħin ma jkunx 'il bogħod ħafna mill-Belt. Id-dar kienet imżejna bl-isbaħ għamara u kienet ċentru tal-viżitaturi kollha. Kif spiċċaw il-Kavallieri, il-Gran Mastru Hompesch kellu jdabbar rasu minn Malta u jmur Trieste fis-17 ta' Ġunju 1798, il-Maltin, hekk kif faqqghet ir-rewwixta, tefgħu għajnejhom fuq din id-dar u għamluha "Kwartier Ġenerali" tagħhom. Minn quddiem din id-dar, kien għaddej sors importanti ħafna għall-ġewwa l-Belt, qed nirreferi għall-ilma. Fit-tarf ta' l-Akwedott hemm speċi ta' Torri Żgħir ta' l-ilma. Minn Santa Venera l-kanali, ta' l-ilma komplew taħt l-art, u wara ħames snin ta' xogħol bla waqfien, magħmul minn 600 ħaddiem fil-21 ta' April 1615, l-ilma twassal fil-Belt. L-Akwedott b'tul ta' 18-il kilometru, baqa' jintuża sas-seklu dsatax, meta saret sistema oħra ta' tqassim ta' l-ilma. It-Torri ta' l-

> *" Faċċata ta' l-Akwedott, hemm Dar Iljuni. Din id-dar ... serviet bħala Kwartier Ġenerali tal-Maltin, fi żmien l-Imblokk, meta l-Franċiżi ngħalqu ġewwa l-Belt. "*

> *" Fit-tarf ta' l-Akwedott hemm speċi ta' Torri żgħir ta' l-ilma. Minn Santa Venera l-kanali ta' l-ilma komplew taħt l-art, u wara ħames snin ... "*

> *"It-Torri ta' l-ilma f'Santa Venera (speċi ta'* main *ta' ilma) huwa wieħed sempliċi fl-għamla tiegħu minn barra."*

***ikompli f'paġna 71***

*minn paġna 69*

ilma f'Santa Venera (speċi ta' *main* ta' l-ilma) huwa wieħed sempliċi fl-għamla tiegħu minn barra. Minn hawn l-ilma kien ikun ikkontrollat u jibqa' sejjer taħt l-art, sa Torri ieħor li jinsab quddiem il-knisja ta' Sarria fil-Furjana. Dan it-Torri huwa wisq aktar elaborat. Min hawnhekk imbagħad, l-ilma kien ikompli fi triqtu lejn il-Belt Valletta. Fi żmien l-Imblokk xi ħadd ġietu l-idea li jaqta' l-komunikazzjoni ta' l-ilma biex il-Franċiżi msakkrin ġewwa l-Belt ma jkollhomx ilma u jkollhom jikkuntentaw bl-ilma maħżun ġewwa l-bjar.

*"Ġeneralment il-Qorti Marzjali kien isir fil-kamp ta' San Ġużepp u l-fuċilazzjoni ħdejn it-Turretta ....... "*

Il-kumplott tal-Maltin tat-12 ta' Jannar 1799, kien jikkonsisti billi jitwettaq il-pjan sigriet biex tiġi attakkata l-Belt fuq pjan ta' Dun Mikiel Xerri u ċertu Guglielmu Lorenzi. L-attakk kellu jsir mill-Maltin ta' barra l-Belt, jiġifieri tal-kampanja. Fost l-oħrajn kellu jiġi attakkat il-Palazz tal-Gran Mastru, fejn kien hemm Vaubois. Pero ġara li f'dik il-lejla fil-għaxija tal-11 ta' Jannar 1799, il-kmandant tal-Fortizza Manoel Bovard, u uffiċjal ieħor Rousell, kienu qed jirritornaw lejn il-Fortizza Manoel bil-baħar, wara li dawn kienu attendew għall-kunċert fit-Teatru Manoel ġewwa l-Belt, meta dawn it-tnejn innotaw li kien hemm xi movimenti u ħsejjes mhux tas-soltu ħdejn ix-xatt ta' Marsamxett. Dawn ġabu xi suldati Franċiżi magħhom mill-Fortizza Manoel u marru jaraw x'kien qed jiġri fid-dalma tal-lejl. Hawnhekk kien hemm moħbijin il-Maltin li kellhom jattakkaw bieb importanti fis-sur ta' Marsamxett biex jidħlu ġol-Belt skond il-pjan. Il-Franċiżi fetħu n-nar u dawk il-Maltin ġew meħuda għal għarrieda. Ħafna minnhom sfaw maqtula minn nar tal-Franċiżi u oħrajn qabżu u għerqu fil-baħar meta ppruvaw jaħarbu u oħrajn ċedew. Għalhekk din il-konfoffa ma rnexxietx, anzi rriżultat fi traġedja kbira. Kollox sfaxxa fix-xejn. Saret straġi kbira mill-Maltin u ħafna nqabdu priġunieri, fosthom Dun Mikiel Xerri u Guglielmu Lorenzi. Dun Mikiel Xerri ġie xkubettjat f'Misraħ il-Palazz, il-Belt, fis-17 ta' Jannar 1799. Dun Mikiel Xerri kien qassis ħabib tal-Kanonku Caruana. Hu kien twieled Ħaż-Żebbuġ fid-29 ta' Settembru 1737. Kellu 61 sena. Meta sab ruħu arrestat mill-Franċiżi, Dun Mikiel ma ċaħadx li kellu sehem kbir fil-konfoffa, iżda ma qal ebda kelma li biha seta' jinkixef xi ħadd. Dun Mikiel kien joqgħod f'mezzanin, taħt il-kunvent tal-Knisja tal-Madonna tal-Karmnu fil-Belt, fi Triq il-Punent. Vaubois ried kieku jeħilsu mill-mewt billi talbu jikxef lill-

***ikompli f'paġna 73***

*minn paġna 71*

oħrajn, iżda Dun Mikiel ippreferixxa jmut ta' qalbieni u mhux ta' traditur.

Il-fuċilazzjoni ta' nies fosthom Maltin li kienu jinqabdu jissieħbu mal-għadu ma kenitx ħaġa rari daqs kemm wieħed jaħseb. Ġeneralment il-Qorti Marzjali kien isir fil-kamp ta' San Ġużepp u l-fuċilazzjoni ħdejn it-Turretta (it-Torri ta' l-Ilma), li dak iż-żmien kienet kollha xagħri. Illum dawn l-inħawi huma kollha mibnija. Każ tipiku kien ġara fl-10 ta' Frar 1799 meta f'salib it-toroq f'Santa Venera, ħdejn it-Turretta, fejn jispiċċaw l-arkati ta' l-Akwedott kien miet Nazju Ellul, maqtul minn ħutu Maltin stess għax ħasbuh spjun. Huwa kien mill-Birgu. Xogħlu kien ta' barklor u ta' suldat. Fi żmien l-Imblokk kontra l-Franċiżi wera qlubija u kien afdat minn kulħadd. Meta nkixef il-kumplott ta' kontra l-Franċiżi u ffuċillaw lil Dun Mikiel Xerri u sħabu, fis-17 ta' Jannar 1799, il-Kmandanti Maltin issuspettaw fih, billi kien midħla tal-Franċiżi.

*" .... fl-10 ta' Frar 1799, meta f'salib it-toroq, f'Sta. Venera, ħdejn it-Turretta, fejn jispiċċaw l-arkati ta' l-Akwedott kien miet Nazju Ellul, maqtul minn ħutu Maltin stess, għax ħasbuh spjun."*

Sadanittant bdiet tellieqa minn taħt. Speċi ta' gwerra sigrieta bejn Franza u l-Ingilterra biex kull wieħed jilħaq jaħtaf taħt idejh il-Gżejjer Maltin. Fis-sentejn ta' l-Imblokk, il-Maltin ftaqru minħabba l-prezzijiet esaġerati ta' l-oġġetti ta' l-ikel u barra minnhekk kien hemm ħafna serq. Huwa maħsub li l-Kanonku Caruana u sħabu ġiegħlu lill-Gvern Ingliż jieħu taħt idejh it-tmexxija ta' Malta, qabel ma xi nazzjon ieħor jitħajjar ukoll jew kif kienet id-diċerija li jerġgħu jiġu lura l-Ordni ta' San Ġwann. Ma damx ma trawwem f'Malta speċi ta' partit qawwi favur l-Ingliżi. Fil-15 ta' Frar 1799, il-Kanonku Caruana kiteb lil Nelson li l-Maltin riedu għajnuna urġenti. Qallu li n-negozju kien wieqaf u l-prodotti mhux qed jiġu esportati. Minħabba l-qagħda preżenti sa ftit ġranet oħra l-Maltin ikollhom iċedu l-armi u nabbandunaw il-qagħdiet tagħna. Kulħadd qed jitlob l-għajnuna tiegħek u li kulħadd qed jemmen li inti trid tkun il-liberatur tagħna. Għalhekk fi Frar 1799, tlett delegati Maltin telgħu Palermo biex

*" Dan John Vivion (għandna Triq imsemmija għalih f'Sta. Venera) kien fizzjal ... "*

***ikompli f'paġna 75***

*minn paġna 73*

jitolbu l-għajnuna u l-protezzjoni ta' l-Ingilterra. Ir-Re ta' Napli fid-19 ta' Frar, kien laqa' t-talba tal-Maltin. Tħabbar ukoll li Alexander Ball ġie maħtur Gvernatur ta' Malta bħala r-rappreżentant tar-Re ta' Napli (għax sa dak iż-żmien Malta kienet għadha marbuta mar-Renju ta' Sqallija u Napli). Nelson kien ipressa lir-Re ta' Napli biex jgħin 'il Maltin fl-agħar żmien ta' gwerra kontra l-Franċiżi. Wara dan, il-Maltin aktar xtaqu li jkunu taħt il-bandiera Ingliża, għaż-żmien li ġej.

Skond rapport uffiċċjali ta' Lord Nelson, tat-2 ta' Marzu 1799, sitt xhur wara li bdiet ir-rewwixta, il-Franċiżi kienu qed jiġu imblukkati minn erba' iġfna u erba' korvetti. Barra minn dan Vaubois irċieva ittra mill-Kaptan John Vivion biex iċedi. Dan John Vivion, (għandna Triq imsemmija għalih f'Santa Venera) kien fizzjal ta' l-Artillerija Ingliża u Ajjutant ta' l-ewwel Gvernatur Ingliż f'Malta Alexander Ball. Meta Ball ġieli kien ikollu bżonn jitlaq minn Malta, dan Vivion kien ikun minn floku. John Vivion kien minn ta' l-ewwel li niżel Malta, f'Marsaxlokk fl-20 ta' Diċembru 1798. Kien żbarka minn fuq il-vapur ta' l-Armamenti Ingliżi *Stromboli*. Dawn kienu l-ewwel truppi Ingliżi li niżlu Malta. Kienu niżlu Malta minħabba li fil-Port il-Kbir kien hemm ankrati tlett vapuri Franċiżi. Kellhom ordni biex jattakkawhom bil-*mortars* għax armi oħra ma kenux waslu. Għal xi raġuni, dawn il-*mortars* qatt ma ġew fl-azzjoni.

*" Vivion kien midħla ta' Sta. Venera ukoll peress li l-kbarat Maltin u Ingliżi baqgħu joperaw minn Dar Iljuni sa wara l-Imblokk."*

Fit-28 ta' Mejju 1799, Ball ġie ordnat imur Malta. L-Imblokk ta' Malta beda fis-6 ta' Ġunju 1799. Dak inhar stess li Ball ġie Malta, Vivion bagħatlu ittra biex jgħarrfu b'dak li kien jaf. Qallu li l-ikel fil-Belt kien kważi spiċċa u li l-Franċiżi kellhom ma jdumux iċedu l-armi. Meta Ball reġa' ġie Malta fit-8 ta' Lulju 1799 sama' x'kien ġara Malta mingħand Vivion. Imbagħad Ball kiteb lil Nelson u qallu li l-Franċiżi ta' ġewwa l-Belt kienu dejjem jittamaw li taslilhom l-għajnuna, waqt li l-flotta Franċiża kienet tinsab imblukkata mill-bastimenti Ingliżi. Għal għoxrin xahar, Vivion u l-kumpanija tiegħu, baqgħu f'Malta jittrenjaw suldati ġodda fir-"Royal Artillery". Kien responsabbli mill-operazzjonijiet ta' fuq l-art, meta Alexander Ball ġie

***ikompli f'paġna 77***

*minn paġna 75*

msejjaħ lura minn Malta minn Lord Nelson. Vivion kien dam joqgħod Malta sal-1815. Vivion kien midħla ta' Santa Venera wkoll peress li l-kbarat Maltin u Ingliżi baqgħu joperaw minn *Dar Iljuni* sa wara l-Imblokk.

Jum ir-Rebħa wasal ukoll. Sewwasew fit-2 ta' Settembru 1800, li ħabat ukoll it-tieni Anniversarju minn meta bdiet ir-rewwixta, Vaubois sejjaħ lil sħabu l-Franċiżi biex jiltaqgħu ġewwa l-Palazz tiegħu, ħalli jiddeċiedu jekk kellhomx iċedu u taħt liema kundizzjonijiet, minħabba li issa l-ġuħ u l-għatx kien għafas sewwa fuqhom, imsabbrin hekk kif kienu ġewwa l-Belt. Il-Ġeneral Vaubois kien jidher li ma riedx jitratta mal-Maltin u fil-ftehim beża' jiltaqa' magħhom, tant li fil-kundizzjonijiet ħaseb biex waqt l-irtirata mill-Belt, ma jidħol ebda Malti mill-kampanja qabel ma jitlaq l-aħħar suldat Franċiż. Fl-4 ta' Settembru 1800, Vaubois bagħat messaġġ għand il-Ġeneral Pigot, il-Kmandant tal-qawwiet Ingliżi f'Malta biex jgħidlu li ried iċedi. Vaubois baqa' jittratta ma' Pigot, għax Ball kien kunsidrat bħala Kmandant tal-Maltin. Pigot qabbad lil Graham u lil Martin, Kmandanti tal-qawwa Navali Ingliża madwar Malta, ħalli jiftehmu fuq il-kundizzjonijiet tal-Kapitulazzjoni.

*" Mela, f'Sta. Venera kien hawn il-Kamp ta' San Ġużepp u ftit il-bogħod il-Kwartier Ġenerali ... "*

Il-kundizzjonijiet għall-Kapitulazzjoni ġew diskussi minn Graham u Martin għall-Ingliżi u minn Vaubois u Villeneuve għall-Franċiżi. B'dispjaċir hawnhekk, wieħed irid jinnota li ma ġie kkonsultat ħadd mir-rappreżentanti tal-Maltin. Il-Franċiżi riedu jitilqu bil-kwiet għax kellhom denbhom taħt il-blata, fuq dak li kienu wettqu. Minn naħa l-oħra Pigot kien ħsiebu biex jakkwista Malta u jara l-Franċiżi jitilqu mill-aktar fis possibbli. Ball bagħat jgħarraf lill-Kapijiet Maltin bl-aħbar sabiħa li l-għadu kien ċeda. Qalilhom biss li kellu jibagħtilhom kopji tal-Kapitulazzjoni lill-Kungress magħmul mill-Maltin biex imexxi 'l Malta f'dawk il-jiem koroh ġiè xolt u l-gżira ta' Malta għaddiet f'idejn l-Ingliżi, kif riedu l-Maltin, basta jeħilsu mill-Franċiżi. Ball bagħat jgħid ukoll li issa setgħu jdoqqu l-qniepen bil-liberta kollha! Fil-5 ta' Settembru 1800 il-Kapitulazzjoni ġiet iffirmata. Il-Franċiżi bdew jirtiraw mill-Belt, Tigne, ir-Rikażoli u mis-swar tal-Furjana. Il-Maltin ħadu għalihom bil-kbir meta raw 'il Franċiżi jirtiraw bl-unuri kollha qishom rebħu xi gwerra. Imma hekk kien tniżżel fil-ftehim tal-Kapitulazzjoni, li l-Ġeneral Pigot tant għaġġel biex iffirma. U l-Flotta Ingliża daħlet fil-portijiet tagħna, u bdiet ħajja ġdida għal Malta - l-era Ingliża.